MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 310/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Sandro Grima (I.D. 212771M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u sebgha u sebghin Euro u zewg centezmi (€3,377.02), elf, erba' mija u disgha u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,449.75), ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 323106 (CN 1020827, AC 10113781) skond diversi kontijiet mibghuta lilhu, u skond id-dokumenti annessi :

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10113781 (telefon 323106)
IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 323106

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, tlett mija u sebgha u sebghin Euro u zewg centezmi (€3,377.02), elf, erba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,449.75) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------